

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2017 – Aanbestedingskalender et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-138/15) <sup>(1)</sup>

**(“Għajjnuna mill-Istat — Miżuri ta' finanzjament mogħtija mill-awtoritajiet Olandiżi għall-ħolqien u għall-introduzzjoni tal-pjattaforma TenderNed dwar l-għoti elettroniku ta' kuntratti pubbliċi — Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajjnuna mill-Istat — Servizzi ta' interess ġenerali mhux ekonomiċi”)**

(2017/C 382/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

**Rikorrenti:** Aanbestedingskalender BV (Ede, il-Pajjiżi l-Baxxi); Negometrix BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi); CTM Solution BV (Breukelen, il-Pajjiżi l-Baxxi); Stillpoint Applications BV (Amsterdam), Huisinga Beheer BV (Amsterdam) (rappreżentanti: C. Dekker u L. Fiorilli, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P.-J. Loewenthal u K. Herrmann, aġenti)

**Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:** Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman, B. Koopman u M. Noort, aġenti) u r-Repubblika Slovakkja (rappreżentant: B. Ricziová, aġent)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9548 finali, tat-18 ta' Diċembru 2014, dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.34646 (2014/NN) (ex 2012/CP) – Pjattaforma E-procurement TenderNed fil-Pajjiżi l-Baxxi.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Aanbestedingskalender BV, Negometrix BV, CTM Solution BV, Stillpoint Applications BV u Huisinga Beheer BV huma kkundannati għall-ispejjeż.
- 3) Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u r-Repubblika Slovakkja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 198, 15.6.2015.